**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 1 ta' Gunju, 2017**

Numru 7

**Rikors Guramentat Nru. 247/2017**

**Dr Ann Fenech kif debitament awtorizzata bhala mandatarja ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Jebmed Srl**

**vs**

**Capitalease S.p.A, rapprezentata lokalment mir-resident agent taghha is-socjeta Maltija Camco Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici nomine tas-17 ta' Marzu, 2017 li jghid hekk:

1. Peress illi s-socjeta konvenuta hija sid tal-bastiment MV Trading Fabrizia (IMO Nru 9481960), liema bastiment huwa registrat Malta, u dan kif jidher car mill-estratt mahrug mill-Awtorita ghat-Transport gewwa Malta (Transcript of Register) datat 29 ta' Lulju 2016. Kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument JM1.

2. Peress illi s-socjeta attrici hija kreditrici ipotekarja tas-socjeta konvenuta in segwitu ta' djun naxxenti minn kuntratt konkluz bejn il-partijiet datat 5 ta' Mejju 2016.

3. Peress illi l-obbligi tas-socjeta konvenuta naxxenti mis-self gew kawtelati inter alia b'registrazzjoni ta' ipoteka navali ossia mortgage fuq il-bastiment MV Trading Fabrizia datata 11 ta' Mejju 2016.

4. Peress illi kontestwalment mall-ipoteka giet iffirmata wkoll Deed of Covenants bejn socjeta kreditrici Jebmed Srl u s-socjeta konvenuta Capitalease SpA.

5. Peress illi s-socjeta konvenuta hija inadempjenti fl-obbligi taghha naxxenti mill-imsemmija kuntratti billi inter alia naqset li thallas ammonti li kienu dovuti kif jirrizulta mid-diversi avvizi mibghuta lilha mis-socjeta attrici.

6. Peress illi permezz ta' avviz ossia Notice of Default datat 15 ta' Frar 2017 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument JM2) is-socjeta attrici nterpellat lis-socjeta konvenuta sabiex thallas l-ammonti indikati fl-istess avviz fit-terminu hemm indikat u fin-nuqqas avzat li kienet ser tiehu passi ulterjuri skond il-ligi.

7. Peress illi s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti, is-socjeta attrici baghtet avviz iehor ossia Notice of Possession datat 20 ta' Frar 2017 fejn ai termini ta' artikolu 42(1)(a) ta' Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta, infurmat lis-socjeta konvenuta li kienet ser tiehu pussess tal-bastiment in kwistjoni. Kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument JM3.

8. Peress illi s-socjeta konvenuta wiegbet permezz ta' e-mail fejn simpliciment avvzat li jekk l-azzjonist tas-socjeta attrici minghalih li s-socjeta attrici ser tinghata l-pussess tal-bastiment, dan kien qed jiggennen (“Arecco hai perso la testa"). Kopja tar-risposta hawn annessa u mmarkata bhala Dokument JM4.

9. Peress illi s-socjeta konvenuta irrifjutat li taghti l-pussess tal-imsemmi bastiment lis-socjeta attrici u dan minghajr ebda raguni valida skond il-ligi.

10. Peress illi l-agir tas-socjeta konvenuta jikkostitwixxi ksur tal-obbligi assunti minnha a tenur tad-Deed of Covenants fl-artikolu 9A oltre li jmur kontra dak li jipprovdi espressament l-artikolu 42(1)(a) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Peress illi s-socjeta attrici ghandha wkoll titolu ezekuttiv f’idejha wara li rrendiet l-imsemmija ipoteka navali (Mortgage) ezegwibbli bhala att ezekutiv u dan in forza tal-artikolu 253 et seq. tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikolu 42 tal- Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan wara li giet mibghuta ittra ufficjali numru 727/17 mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta u peress li l-ebda ammonti ma thallsu lis-socjeta attrici fiz-zmien stipulat mill-ligi. Kopja tal-istess ittra hawn annessa u mmarkata bhala Dokument JM5.

12. Peress illi s-socjeta konvenuta tidher li qeghda f’diffikulta finanzarja u konsegwentament il-bastiment MV Trading Fabrizia prezentament jinsab arrestat minn diversi kredituri gewwa Jamaica, inkluz mis-socjeta attrici.

13. Peress illi s-socjeta attrici ma tistax taghmel tentattivi li jitilghu abbord il-bastiment gewwa Jamaica sabiex jiehdu pussess tal-bastiment minghajr il-kunsess u/jew l-approvazzjoni tal-Qrati gewwa l-Jamaica.

14. Peress illi s-socjeta attrici tixtieq ordni jew sentenza mill-Qrati ta' Malta, u cioe mill-qrati tal-pajjiz fejn huwa registrat il-bastiment u l-ipoteka navali taghha, biex tista' turi lill-Qorti ta' Jamaica li skond il-ligi Maltija s-socjeta attrici quo mortgagee ghandha id-dritt tieghu pussess tal-bastiment.

15. Peress illi l-istess bastiment prezentament jinstab ukoll maqbud mill-Port State Control gewwa Jamaica wara li sar PSC Inspection fit-30 ta' Jannar 2017 fejn irrizulta li l-bastiment kellu circa 17 nuqqasijiet. Kopja tar-rapport mill-PSC hawn annessa u mmarkata bhala Dokument AA6.

16. Peress illi l-bastiment tant jinstab fi stat hazin li l-marixxali tal-Qrati ta' Jamaica kitbu lill avukati esteri tas-socjeta attrici sabiex javvzahom bil-perikolu li fih jinsab il-bastiment in kwistjoni. Kopja tal-ahhar tlett ittri mill-Court Bailiff gewwa Kingston, Jamaica hawn annessi u mmarkati flimkien bhala Dokument AA7.

17. Peress illi konsegwentament il-bandiera Maltija avvzat lis-socjeta attrici fil-kapacita taghha bhala mortgagee tal-bastiment in kwistjoni, li minhabba l-istat hazin u deterjoranti tal-istess bastiment, ir-Registratur Malti tal-Bastimenti Merkantili kien ser jnehhi l-bastiment minn fuq ir-registru u dan ai terrninu ta' artikolu 29 ta' Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta. Kopja tal-ittra mighbuta mill-Registru tal-Bastimenti Merkantili lis-socjeta attrici hawn annessa u mmarkata bhala Dokument AA8.

18. Peress illi jekk jitnehha l-bastiment mir-registru, dan naturalment jkun ta' pregudizzju kbir lis-socjeta ipotekarja.

19. Peress illi jidher car li jekk hadd ma jiehu l-passi necessarji sabiex jirrangaw in-nuqqasijiet gravi li hemm abbord il-bastiment, dan dalwaqt ser jispicca bla bandiera u f'stat fejn jikkonstitwixxi perikolu ghan-navigazzjoni.

20. Peress illi ghalhekk hemm sens ta' urgenza imminent sabiex is-socjeta ipotekarja tista' tiehu pussess tal-istess bastiment sabiex jirrangaw dawn in-nuqqasijiet kollha bl-ghan li r-Registratur ma jnehhix l-bastiment u sabiex l-interessi tas-scoejta attrici jibqghu registrati fl-registru pubbliku permezz tal-ipoteka navali ossia mortgage.

21. Peress illi l-attrici ghandha kull dritt tiehu pussess tal-imsernmi bastiment MV Trading Fabrizia u dan a tenur tal-artikolu 9A tad-Deed of Covenants datat 11 ta' Mejju 2016 u anke a tenur tal-artikolu 42(1)(a) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-istess socjeta attrici tixtieq tkun f'pozizzjoni li tezercita dan id-dritt li tiehu pussess tal-imsemmi bastiment.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjata attrici qua mortgagee ghandha kull dritt tiehu pussess tal-bastiment MV Trading Fabrizia (IMO Nru 9481960) u dan ai terrninu ta' artikolu 42(1)(a) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Tawtorizza lill-attrici jew lir-rapprezentanti taghha sabiex tiehu pussess immedjat tal-istess bastiment MV Trading Fabrizia inkluz li jinnomina agenti u ekwipagg ghal dan l-iskop u tordna lis-socjeta konvenuta li ma taghmel xejn sabiex tostakola jew timpedixxi b'mod dirett jew indirett lis-socjeta attrici milli tiehu l-pussess tal-istess bastiment.

3. Taghti dawk l-ordnijiet u rimedji kollha opportuni sabiex l-attrici tkun f’qaghda li tiehu pussess f’idejha tal-bastiment MV Trading Fabrizia.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li tibqa' ingunta minn issa sabiex tidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi, qabel xejn, jidher illi l-allegazzjonijiet tal-attrici illi hemm "sens ta' urgenza imminenti" sabiex l-attrici tiehu pussess tal-bastiment, wasslu lill-Qorti sabiex takkorcja t-termini tal-proceduri (minkejja nuqqas ta' talba specifika f'dan is-sens). Ghal kull buon fini, l-eccipjenti tichad illi n-natura u c-cirkustanzi tal-kaz jiggustifikaw tali urgenza u/jew akkorcjament tat-termini;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm huwa minnu illi l-attrici tgawdi ipoteka navali (mortgage) fuq il-bastiment MV Trading Fabrizia u li hija pprezentat ittra ufficjali sabiex tirrendi tali mortgage ezekuttiv, l-eccipjenti ssostni illi tali allegat titolu ezekuttiv huwa invalidu u mhux enforzabbli. Dan ghaliex l-ammont pretiz ta' USD820,670.67 (ekwivalenti ghal cirka €778,900) huwa ferm eccessiv u msejjes fuq allegazzjonijiet u kalkoli zbaljati li jirrazentaw il-mala fede, u ghalhekk ma jista' qatt jitqies "cert, likwidu u dovut" (ara Dok. TF1 - affidavit ipprezentat gewwa l-Jamaica, li jispjegaw ahjar l-asserzjonijiet tal-konvenuta). Fil-fatt, il-pretensjonijiet tal-attrici qed jigu kontestati fil-proceduri pendenti l-Jamaica, fejn il-kalkoli tal-eccipjenti Capitalease SpA gew konfermati mill-Qorti, almenu fuq bazi prima facie (ara digriet anness bhala Dok. TF2). Inoltre, l-eccipjenti tirriserva l-jedd illi tintavola wkoll proceduri ad hoc f'Malta sabiex tattakka l-allegat titolu ezekuttiv abbazi tal-fatti msemmija;

3. Illi, jsegwi illi l-attrici ma ghandhiex bazi legali sabiex tivvanta l-jeddijiet illi qed tippretendi li ghandha;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet dwar "nuqqasijiet gravi" u "istat hazin u deterjoranti" tal-bastiment huma kontestati bil-qawwa, u dan ghaliex l-eccipjenti qieghda hija stess tiehu hsieb il-bastiment u n-nuqqasijiet riskontrati mill-Port State Control gew fil-frattemp indirizzati mill-istess eccipjenti - dan kif tixhed il-perizja hawn annessa bhala Dok. TF3;

5. Illi fid-dawl ta' dak li ntqal, l-eccipjenti ssostni illi t-talba sabiex l-attrici tiehu pussess fiziku tal-bastiment Trading Fabrizia hija wahda abuziva intiza sabiex tkompli tkabbar il-hsara li l-attrici ga kkawzat lill-eccipjenti bl-agir taghha.

Ghaldaqstant ghal kull wahda mill-eccezzjonijiet hawn fuq esposti, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mil-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-vertenza thalliet ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

It-talba attrici hi bazata fuq l-artikolu 42(1)(a) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu jghid hekk:

> Fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' xi patt jew kondizzjoni ta' ipoteka navali registrata jew ta' xi dokument jew ftehim imsemmi fiha, il-kreditur ipotekarju, malli jaghti avviz bil-miktub lid-debitur ipotekarju -
>
> (a) ikollu d-dritt li jiehu l-pussess tal-bastiment jew tas-sehem fih li dwaru jkun registrat, izda hlief safejn ikun mehtieg biex bastiment ipotekat jew sehem fih ikun jista' jittiehed bhala garanzija ghad-dejn ipotekat, il-kreditur ipotekarju ma ghandux minhabba l-ipoteka jitqies li hu s-sid tal-bastiment jew tas-sehem, u lanqas id-debitur ipotekarju ma ghandu jitqies li ma baqax sidu;

Is-socjeta attrici tibbaza t-titolu taghha ghal tali talba fuq is-segwenti fatti. Is-socjeta konvenuta hi sid il-bastiment MV Trading Fabrizia IMO 9481960 registrat f'Malta. Jirrizulta illi l-istess socjeta ghamlet zewg ftehim datati 5 ta' Mejju 2016 cioe master agreement u shipman agreement bejn is-socjeta konvenuta bhala debitrici u s-socjeta attrici bhala l-kreditur ipotekarju. F'dawn il-ftehim senjatament il-master agreement kien hemm kondizzjonijiet ta' avvanzi ta' flus biex tkun tista' topera ahjar is-socjeta debitrici. Skond il-ftehim fil-master agreement gie registrat first priority mortgage datat 11 ta' Mejju 2016 favur is-socjeta attrici sas-somma ta' USD900,000. In oltre gie iffirmat deed of covenants bejn il-partijiet datat 14 ta' Mejju 2016 marbut mal-ligi Maltija. Dawn id-dokumenti jinsabu mal-ittra ufficjali tas-socjeta attrici datata 23 ta' Frar 2017 a fol. 15 et seq. tal-process.

Jidher ukoll illi s-socjeta konvenuta fl-iskrittura privata datata 16 ta' Settembru 2016 (fol. 346 tal-process) ammettiet li kienet debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' USD699,046.38. Jidher ukoll li f'din l-iskrittura s-socjeta attrici kienet lesta li tisborsa sa USD90,000 ohra ghall-ispejjez necessarji ghas-socjeta konvenuta biex tiffinalizza tragitt ta' merkanzija li kienet qed taghmel u malli jittermina l-vjagg is-socjeta konvenuta obbligat ruhha li thallas id-debitu pendenti. Bhalissa l-vapur jinsab maqbud fil-Panama.

Dak li din il-vertenza trid tqis hu li kien hemm vjolazzjoni ta' kondizzjoni marbuta ma' ipoteka registrata jew ftehim imsemmi fiha u li inghata avviz lid-debitur li ser jittiehed pussess tal-vapur fin-nuqqas li jigi onorat il-ftehim li mieghu hi marbuta l-ipoteka navali. L-artikolu 7A tal-master agreement jistipula kif gej:

> Upon the happening of any of the following Events of Default, the security created by this Deed shall become immediately enforceable, all amounts, barring those specifically requiring a demand in writing, becoming due without the necessity of any written or verbal demand being made by the Mortgage and without the necessity of a court declaration to the effect that an Event of Default has taken place; and those amounts which become due only upon a demand in writing shall become due following such demand without the necessity of any court declaration to the effect that an Event of Default has taken place:
> A. Any amount whether by way of principal or interest payable under the Master Agreement is not paid upon due date or in the case of sums expressed to be payable on demand, on such demand being made, or an Event of Default occurs under the Master Agreement ...

Jidher car illi s-socjeta konvenuta, almenu mid-data tal-iskrittura privata datata 16 ta' Settembru 2016 ma hallset xejn minn dak dovut minnha. Mhux hekk biss izda jirrizulta li l-Qorti Jamaicana ordnat lis-socjeta konvenuta tiddepozita s-somma ta' USD450,000 biex taghmel tajjeb ghal pretensjonijiet attrici (ara ordni tal-Qorti Jamaicana tat-23 ta' Dicembru 2016 fol. 117 tal-process), izda l-amministratur uniku tas-socjeta konvenuta Francesco Organista fis-seduta tal-Qorti tal-11 ta' Mejju 2017 xehed illi sallum dan l-ammont ma giex depozitat minhabba li ma hemmx qliegh sakemm il-vapur ma jkunx f'kondizzjoni li jivvjagga minhabba t-tiswijiet li qed isirulu u l-aggornament tad-dokumenti navali necessarji (fol. 393 tal-process).

Stabbilit il-kreditu dovut, is-socjeta konvenuta giet notifikata b'notice of default datat 15 ta' Frar 2017 (Dok. JM2 mar-rikors promotur) fejn intlabet thallas id-debitu dovut fit-terminu indikat u peress li s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti intbaghat l-avviz tal-pusses datat 20 ta' Frar 2017 ai termini tal-artikolu 42(1)(a) tal-Kap. 234 (Dok. JM3 mal-att promotur). In oltre s-socjeta attrici irrendiet l-ipoteka navali esegwibbli bhala att ezekuttiv ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 u l-artikolu 42 tal-Kap. 234 u dan permezz ta' ittra ufficjali 727/17 (Dok. JM5 mal-att promotur).

Jidher li s-socjeta konvenuta qed tirrifjuta li taghti pussess tal-vapur lis-socjeta attrici.

A bazi ta' dak kollu li nghad il-Qorti tqis illi taht il-ligi Maltija u senjatament l-artikolu 42(1)(a) tal-Kap. 234, is-socjeta attrici ghandha jedd bhala kreditur ipotekarju tiehu pussess tal-vapur MV Trading Fabrizia proprjeta tas-socjeta konvenuta.

Hi l-ligi specjali kif inhu l-Kap. 234 li ghandha tirregola l-proceduri konnessi ma azzjonijiet simili, liema azzjonijiet senjatament dawk ghal kreditur huma intizi biex jaghtu stabbilita u fiducja u jassiguraw li fil-kamp maritimu hemm certezza ta' azzjoni u rimedju li hu l-bazi tas-sahha kummercjali marittima u jaghti kredibilita ghall-ekonomija sana ta' pajjiz bhal taghna li jistrieh b'mod mhux indifferent fuq din il-branka ta' kummerc. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Norddeutsche Landesbank Girozentrale vs Chemfleet Shipping Limited** (25/05/2012):

> Din il-qorti izjed taqbel mal-ewwel qorti meta din tgħid illi l-procedura taht l-art. 42(1) ma hijiex subordinata ghal dik taht l-art. 42(2). L-art. 42(1) ighid esplicitament illi l-kreditur ipotekarju jista' jikseb il-pussess tal-bastiment, meta hemm ksur ta' xi patt jew kondizzjoni, "malli jaghtih avviz bil-miktub lid-debitur ipotekarju". Il-jeddijiet tal-kreditur taht l-art. 42(2) huma b'zjieda ma' dawk taht l-art. 42(1) u ma jaghmluhomx soggetti ghal xi kondizzjoni ohra hlief dik tan-nuqqas ta' harsien ta' xi patt jew kondizzjoni u dik tal-"avviz bil-miktub lid-debitur ipotekarju".

Dan id-dritt tal-pussess kif jissemmew ukoll drittijiet ohra imsemmija fl-istess artikolu, huwa dritt li ma jistrieh fuq ebda premessa ghajr l-ipoteka navali, kreditu dovut, u nuqqas ta' tharis ta' patt jew kundizzjoni naxxenti mill-ipoteka jew ftehem jew dokument imsemmi fiha. Darba stabbiliti l-premessi jiskatta d-dritt. Jekk wiehed jippermetti eccezzjonijiet ghar-regola li ma jirrizultawx mill-ligi allura qed imur kontra l-ligi u jtellef il-fiducja fil-bandiera ta' registrazzjoni tal-istess vapur.

Anki l-ligi Ingliza li ma ssemmix it-tehid ta' pussess bhala parti mill-istatut taghha fil-Merchant Shipping Act 1995, pero tqisu bhala dritt naxxenti mill-ligi komuni ghal kreditur ipotekarju anki indipendentement minn xi klawsola appozita msemmija fi ftehim bejn il-partijiet (ara **Modern Maritime Law**, Vol 2: Managing Risks and Liability, 3rd Ed).

Is-socjeta konvenuta issostni li t-titolu ezekuttiv hu invalidu ghax l-ammont pretiz hu eccessiv u msejjes fuq allegazzjonijiet u kalkoli zbaljati. Il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni ma hiex ta' mertu legali billi t-titolu ezekuttiv darba rez ezegwibbli jista' jigi attakkat

bil-mezzi li taghti l-ligi b'azzjoni ad hoc mhux b'semplici eccezzjoni, tant li s-socjeta intimata stess irriservat li tipprocedi biex tattakka t-titolu ezekuttiv, u issostni ukoll illi fil-Qorti Jamaicana hemm kontestazzjoni fuq il-kreditu tas-socjeta attrici. Din il-kwistjoni wkoll ma timpingix fuq il-mertu tal-azzjoni.

Stabbilit dan, il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu tal-kwistjoni ghaliex il-bastiment jinsab fil-Panama nonostante provi prodotti f'dan ir-rigward, kif ukoll l-azzjonijiet li qed jittiehdu hemm u provvedimenti tal-Qorti Jamaicana. Dawn huma res inter alios acta l-vertenza u l-ligi. Il-Qorti lanqas ma tqis daqshekk rilevanti l-fatt li l-vapur kellu diversi nuqqasijet kemm f'dak li hu l-istat ta' manutenzjoni fizika u mekkanika tieghu kif ukoll dak formali ta' dokumentazzjoni li qed jigu indirizzati mill-Qorti Jamaicana. Lanqas ma tqis ta' importanza essenzjali l-fatt illi l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta intimat lis-socjeta konvenuta li kienet ser tirtira l-bandiera Maltija minhabba n-nuqqasijiet tal-vapur. Tali kwistjoni ahharija izzomm impregudikat l-ipoteka navali ezistenti.

In kwantu ukoll ghas-sottomissjoni verbali tas-socjeta konvenuta illi l-valur tal-vapur ta' circa USD17,000,000 (ara certifikat a fol. 463 tal-process) paragunat mal-kreditu ta' anqas minn USD1,000,000 jirrendi t-talba attrici irragonevoli, il-Qorti tqis illi l-valur f'dan il-kaz hu relattiv u mhux pertinenti ghal mertu ta' dak li qed jintalab u dak li tghid il-ligi u dak espressament mifitehem bejn il-partijiet fejn hu wkoll kontemplat il-pussess tal-vapur mis-socjeta attrici f'kaz ta' nuqqas ta' adempiment tal-obbligu tas-socjeta intimata, apparti t-titolu ezekuttiv rez ezegwibbli tal-istess ipoteka navali tas-socjeta attrici.

Il-Qorti tqis illi t-tieni talba attrici hi konsegenza naturali tal-ewwel talba u takkorda t-tieni talba tas-socjeta attrici cioe li tawotrizzaha tiehu pussess immedjat tal-vapur inkluz in-nomina ta' agenti u ekwipagg, pero l-Qorti taghmel caveat fis-sens li din it-talba qed tintlaqa' saskemm hu fattibbli li dan isehh peress li l-vapur mhux fil-gurisdizzjoni Maltija izda dik tal-Jamaica. Dak li ghandha poter taghmel din il-Qorti hu li tissenjala b'dan il-provvediment lil Qrati esteri, illi taht l-ligi Maltija, essendo l-vapur itajjar bandiera Maltija, is-socjeta attrici ghandha jedd tiehu pussess tal-vapur bil-konsegwenzi li jgib mieghu inkluz dawk mitluba mis-socjeta attrici.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li s-socjeta attrici qua mortgagee ghandha kull dritt tiehu pussess tal-bastiment MV Trading Fabrizia IMO 9481960 ai termini tal-artikolu 42(1)(a) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tilqa’ t-tieni talba sakemm dan hu fattibbli fic-cirkostanzi tal-kaz. Spejjez ghas-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur